**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Jannar, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 1133/2019 AF**

**Zahra Blocks Ltd (C-30782)**

**vs**

**Stefan Gajic (Passaport 12841722)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Zahra Blocks Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti tforni materjal tal-kostruzzjoni lil diversi kuntratturi u individwi fuq talba taghhom stess, li fosthom kien hemm is-socjetà Stronghold Construction Limited.

Is-socjetà Stronghold Construction Limited giet kanonizzata debitrici tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u tletin elf

seba’ mija tlieta u disghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€32,793.28) b’sentenza mhollija minn din l-Onorabbli Qorti f’ismijiet Zahra Blocks Ltd vs Stronghold Construction Ltd datata nhar il-11 ta’ Ottubru 2019 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ZB001).

L-intimat nhar is-26 ta’ Settembru 2019 iffirma dikjarazzjoni li huwa qed jassumi personalment ir-responsabbilità ghall-ammont in kwistjoni u cioè dak ta’ tnejn u tletin elf seba’ mija tlieta u disghin Ewro u tmienja u ghoxrin centemzu (€32,793.28) (kopja tad-dikjarazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ZB002).

Mid-dokumenti annessi jirrizulta bl-aktar mod ampju u car li l-intimat huwa debitur tas-socjetà rikorrenti.

Ghalhekk is-socjetà r-rikorrenti ghandha dritt illi tesigi li tithallas direttament minghand l-intimat is-somma ta’ tnejn u tletin elf, seba’ mija tlieta u disghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€32,793.28), u dan apparti l-imghaxijiet relattivi.

Dan kollu r-rapprezentanza tas-socjetà rikorrenti, cioè Pauline Caruana, tafu personalment stante l-posizzjoni taghha mas-socjetà rikorrenti.

Fl-opinjoni tas-socjetà rikorrenti dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjetà rikorrenti l-intimat ma ghandu ebda eccezzjonijiet x’jaghti u ghalhekk il-kawza tista’ tigi deciza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Taqta’ u tiddeciedi l-kawza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 u cioè bid-dispensa tas-smiegh.

2. Tiddikjara lill-intimat bhala debitur tas-socjetà rikorrenti fis-somma ta’ tnejn u tletin elf, seba’ mija u tlieta u disghin Ewro tmienja u ghoxrin centezmu (€32,793.28), jew somma ohra verjuri.

3. Tiddikjara u tordna lill-intimata jhallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' tnejn u tletin elf, seba' mija u tlieta u disghin Ewro tmienja u ghoxrin centezmu (€32,793.28), hekk likwidata. Kollox skond kif gie dikjarat aktar 'il fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa jibqghu ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi Stefan Gajic, minkejja li gie debitament notifikat, baqa' ma deherx fil-Qorti biex iwiegeb ghall-kawza.

Rat illi t-talbiet tas-socjetà rikorrenti huma gustifikati.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. tilqa' t-tieni talba;

3. [1]tilqa' r-raba' talba, bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Stefan Gajic.

IMHALLEF

DEP/REG

---

[1] B'digriet tas-27 ta' Jannar, 2020, il-Qoti laqghet it-talba u awtorizzat il-bidla mitluba fis-sens illi il-kliem 'tilqa' r-raba talba' jigi sostitwit bil-kliem 'tilqa' it-tielet talba'